Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 414 / 2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Johann J. Fenech**

**vs**

**Jean Claude Mangion**

Illum 14 ta' Gunju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Jean Claude Mangion detenur tal-karta tal-identita Maltija nru 245094 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

A. Fl-10 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tal-05:00am fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba:

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Clive Brincat;

2. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe'

mutur bin-numru ta' registrazzjoni BBI 349, ghad-dannu ta' Paul Bezzina;

3. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni GAU 018, b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz, kif ukoll;

4. Saq l-istess vettura bil-mutur b' velocita' eccessiva.

B. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin, bhala ufficjal pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tissospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li -l-kaz jigi hekk trattat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-31 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti li rat l-Artikoli 141, 225 u 328 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu sentejn prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' erbgha snin u skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b' applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannat lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' tlett elef mija tmienja u erbghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€3,148.38) rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jean Claude Mangion, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli

Qorti sabiex jogghobha, tirriforma is-sentenza appellata, billi tikkonferma is-sentenza in kwantu iddikjarat ir-raba' imputazzjoni preskritta u konsegwentament illiberat lill-appellant minnha, u thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet l-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjoni, u konsegwentament tilliberah minnhom u l-konsegwenti htija u piena, u alternattivament, f' kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u tikkonferma is-sentenza appellata, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma is-sentenza appellata, billi tvarja il-piena inflitta, ghal wahda aktar ekwa, gusta u miti, sabiex tkun tirrispekkja il-fatti tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant has ruhu aggravat, minn tali sentenza u ghalhekk wara illi talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, qieghed jinterponi dan l-umli appell minnha.

Illi dan l-appell qieghed isir ai termini tal-artikoli 413(1)(a) u skond il-formalitajiet rikjesti tal-artikoli 417 (1) u 419 (1) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Apprezzament Zbaljat tal-provi prodotti li qatt ma seta' jwassal ghall-decizjoni ekwa u gusta**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza gustament ghamlet referenza ghall-fatt illi l-unika persuna illi setghet taghti l-verzjoni dwar il-mument tal-impatt bejn il-vettura misjuqha mill-appellant u l-mutur misjuq mill-vittma, kien biss l-appellant innifsu, u ziedet ukoll tghid illi tali verzjoni setghet biss tigi kontradetta, mir-relazzjonijiet tad-diversi esperti mahtura fl-inkjesta. Illi ghalkemm l-appellant, jaqbel

ma' din l-osservazzjoni, huwa in kwantu jirrigwarda il -piz moghti lil tali rizultanzi tal-esperti fis-sentenza, illi huwa hass ruhu aggravat.

Illi ictu oculi, primarjament, jidher b' mod lampanti illi l-ewwel Onorabbli Qorti skartat il-verzjoni konsistenti moghtija mill-appellant meta dan xehed illi huwa kien ghaddej b' velocita' normali, kemm fid-dipozizzjoni moghtija lill-espert PL. Mario Buttigieg fl-inkjesta magisterjali, kif ukoll in ezami meta mistoqsi mir-rapprezentant legali tieghu.

Illi jidher ukoll bic-car, matul il-perkors tal-inkjesta ma giex stabbilit il-velocita' illi kien ghaddej biha l-appellant. Ill tant hu hekk, illi kien hemm ukoll diskrepanza bejn ir-relazzjoni ta' zewg esperti mahtura, billi l-Pjanta redatta mill-Perit Aquilina, indikat illi kien hemm brake marks ta' disgha u tletin metru tul (39m) filwaqt illi il-PL Mario Buttigieg jghid illi il-brake marks kienu ta' hamsa u erbghin metru tul (45m). Illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti, gustament applikat il-principju in dubbio pro reo, u ghalhekk assumiet illi il-brake marks kienu ta' disgha u tletin metru tul (39m), naqset milli di piu' tiehu in konsiderazzjoni l-elementi illi komplew jikkumplikaw din il -kwistjoni, u cioe' illi dakinhar tal-incident in-nida illi ghamlet it-triq aktar tizloq.

U aktar minn kwistjoni ta' in dubbio pro reo, din l-inkonsistenza tpoggi f' dubju l-attendibilita` tal-periti esperti.

Illi ghalkemm brake marks ta' disgha u tletin metru (39m), jindikaw velocita' ta' sitta u disghin kilometru fis-siegha (96km/hr), kif gustament osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant ma jaqbilx ma, din l-istess Qorti meta tali osservanza hija ppruvata biss f' kundizzjonijiet favorevoli u cioe' ' on a dry road, a good car with good brakes and tyres and an alert driver, will stop in the distances shown'. Dan ifisser b' mod ampju u car, illi l-istess Highway Code, jistrieh tali distanzi f' kaz biss, illi l-kundizzjonijiet kollha ikunu favorevoli, liema kundizzjonijiet ma kienux l-istess meta wiehed iqis in-nida illi kienet karatteristika mportanti f' dan il-kaz, liema nida zgur illi ma setghatx tindika illi it-triq fejn fiha sehh l-impatt kienet ' a dry road'.

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, tali mankanza tidher b' mod aktar manifest meta jidher illi sar apprezzament hazin ukoll tal-informazzjoni u l-komputazzjonijiet moghtija mill-istess Highway Code. Illi skond it-tabella moghtija fl-istess Highway Code, il-Braking distance ghall-velocita' ta' (96km/hr), hija indikattiva ta' *breaking distance* ta' 55 metru u mhux ta' 39 metru! Illi *dato ma non concesso* illi l-ewwel Onorabbli Qorti, ddecidiet illi tiehu in konsiderazzjoni biss il-brake marks fid-distanza ta' 39m, tali metragg/kejl huwa indikattiv biss ta' velocita' ta' tmenin kilometru fis-siegha (80km/hr) ! Illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti, ezonerat lill-imputat mir-raba' imputazzjoni u cioe' dik ta' sewqan eccessiv, stante illi l-imputazzjoni kienet preskritta, tidher illi tali interpretazzjoni u metraggi zbaljati wassluha sabiex erronejament tkompli tiskarta l-verzjoni tal-imputat. Illi di piu', meta l-ewwel Onorabbli Qorti skartat, il-fatt illi l-appellant kien ghaddej b' velocita' ta' cirka sittin jew hamsa u sittin kilometru fis-siegha, l-istess Highway Code li ghamlet referenza ghalih il-Qorti, sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, jindika illi tali velocita' tinhtieg b' kollox sitta u tletin metru ta' *stopping distance*, liema distanza hija kwazi dik tal-*brake marks* illi rrizultaw fil-kaz in dizamina!

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta wkoll illi l-appellant ha l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jevita dan l-incident fatali u sfortunat. Illi dan jidher mhux biss mill-preparamenti illi ghamel l-appellant qabel telaq mid-dar u qabel beda jsuq, izda ukoll mix-xhieda tieghu fejn sahansitra, qal illi huwa kien ghaddej ' b' velocita' normali. Ghandu jinghad ukoll, illi miz-zewg dipozzizjonijiet illi ta' l-appellant, sahansitra rrizulta, illi ghamel dak kollu possibbli sabiex il-vista tieghu waqt is-sewqan tkun wahda cara, tant u hekk illi mhux biss xeghel il-wipers u l-heater, izda ghazel ukoll illi jhalli l-vettura idling ghall-zewg minuti, qabel iddecieda illi jsuq. Illi tali atti, lkoll huma indikattivi tal-prekawzjonijiet u fuq kollox lkoll jikkontribwixxu ghall-proper lookout tal-appellant.

Illi jidher kien il-vittma illi ma hax il-prekawzjonijiet necessarji, minhabba diversi ragunijiet fosthom, illi ma kienx liebes crash helmet b' mod sikur, tant illi taret ghall-diversi metri minn fuq rasu mal-impatt, ma kienx liebes visible vest tenut kont il-hin illi huwa kien qieghed isuq il-mutur, illi l-mutur kien qieghed jinstaq minghajr dawl, u fuq kollox illi tali mutur ma messu qatt kien qieghed jinstaq mill-vittma, stante illi

huwa mhux biss ma kienx kopert b' polza tal-assikurazzjoni izda ukoll ma kellux licenzja, sabiex isuq tali mutur. Interessanti f' dan ir-rigward, hija ix-xiehda illi tal-ufficjali investigattiv u cioe' l-Ispettur (llum Supretendent) Johann J. Fenech, illi meta mistoqsi in kontro-ezami jghid is-segwenti;

Dr. R. Abela :' Ara naqblux illi l-fanal ta' wara imkisser fir-ritratt?'
Xhud (Supt. Johann J. Fenech) : ' Iva'
Dr. R. Abela: Naqblu
Dr. R. Abela: ' Iva. Jigifieri huwa mkisser kemm ghal dak li huwa l-cover tieghu u kif ukoll ghall-bozza, naqblu li kollox hemm mkisser?'
Xhud (Supt. Johann j. Fenech): ' Iva'

Illi f' dan l-istadju ta' min jinnota diskrepanza fil-verzjoni bejn dak illi stqarr l-Ufficjal Investigattiv, fl -inkjesta, fejn kien l-uniku xhud illi acceda fuq il-post u semma illi l-mutur tal-vittma kellu d-dawl ghadu jixghel, u dak illi sostna meta ddepona seduta stante f' dawn il-proceduri! Inoltre, meta l-istess Ufficjal gie mistoqsi ghal dak li jirigwarda il-kundizzjoni tat-triq nhar l-incident, huwa jwiegeb hekk :

Xhud (Supt. Johann J. Fenech): ' jiena mort hemmhekk ftit tal-hin wara kif xehedt u l-art kienet imxarrba, ghasra bin-nieda'

Illi l-Ufficjal, kompla billi stqarr illi kienet dahlitlu xi informazzjoni m' ghand certa Giulia Farrugia, illi kienet wahda mill-persuna illi waqfet fil-post tal-incident, bhala first-aider u li dwarha huwa qal illi;

Xhud (Supt. Johann J. Fenech): ' ilmentat (ix-xhud Giulia Farrugia) mal-Pulizija (skond l-Ispettur)-li hafna vetturi bdew ghaddejjin, jghafgu fuq id-debris'

Dr. R. Abela: ' se mai caqliq bil-vetturi, li kienu ghaddejjin minn fuq il-lok tal-incident'

Xhud: ' ezattament'

liema stat ta' fatt ikompli jindika illi ix-xena tal-incident ma gietx ppreservata minnufih, u ghalhekk hemm dubji serji inkwantu jikkoncerna kwalunkwe' intralc ta' provi, fuq il-persuni, vetturi u z-zona tal-incident innnifisha!

Di piu', in kwantu jikkoncerna il-fatt illi l-vittma kien qieghed jaghmel uzu minn mutur fit-triq, minghajr licenzja, jidher meta jixhed certu Paul Bezzina meta jistqarr illi;

Spt J J Fenech: ' Sur Bezzina, inti kellek xi mutur Piaggio bin-numru BBI 349 hux hekk?
Xhud: mhux kelli, l-mutur kien tieghu
Spt J J Fenech : le, zomm wahda
Xhud: kien fuqi
Spt J J Fenech: jghajjat lilek il-mutur
Xhud: ehe
Spt J J Fenech: tieghek jigifieri qed nassumi jiena
Xhud:le, tieghu kien. Bi pjacir kont qed inzommhulu fuqi
Qorti: meta qed nghidu tieghu hu min hu?
Xhud: Clive (vittma)
......................................
Xhud: le, le. Kien fuqi bi pjacir imbghad konna ser naqilbuh, cempilli, ghamel xi zmien bil-hsara fit-tul il-mutur u meta kien irrangah konna iltqajna, konna ser naghmlu biex naqilbuh gara li gara.
Spt J J Fenech: issa kemm kien ilu hekk dan?Dan il-mutur jigifieri
Xhud: kemm ezatt ma nafx
Qorti: kwistjoni ta' gimghat? Xhur? Snin?
Xhud: iktar minn sena zgur ifhimni

Illi din ix-xiehda, mhux biss tixhet dawl fuq il-fatt illi l-vittma ma kellux it-taghmir mehtieg sabiex seta' jsuq tali mutur fit-triq, u lanqas il-hila, izda fuq kollox illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni, stante illi mill-provi prodotti dan il-mutur ma kien jappartjeni il-hadd, hlief lill-istess Clive Brincat u mhux lil Paul Bezzina.

Illi ghalhekk, bid dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, in kwantu jikkoncerna it-tehid in konsiderazzjoni tan-negligenza tal-vittma, din naqset milli taghmel tali osservazzjonijiet fl-konsiderazzjonijiet taghha, u ghamlet referenza biss ghall-fatt illi l-vittma ma kienx liebes crash-helmet b' mod sikur, ghalkemm il-helmet-strap ma kienetx imqatta.

Illi di piu', ghandu jigi nnutat li ghalkemm irrizulta illi gustament sar ezami tossikologiku fuq l-appellant, liema ezami irrizulta fin-negattiv, l-istess ezami ma sarx fuq il-vittma, aktar u aktar meta bid-dovut rispett, irrizulta illi l-istess vitma fil-passat tieghu ricentissmu ghal qabel l-incident kellu storja ta' uzu minn diversi sustanzi illeciti (b' mod specjali l-eroina u l-kokaina u b' overdose), kif ukoll illi kellu passat ta' self-harm, u dan skond kif jirrizulta mill-file-mediku tal-istess Clive Brincat.

Illi l-eqreb xhieda illi kienu vicin il-post, fil-hin tal-impatt ftit li xejn taw dawl fuq id-dinamika ta' dan l-incident, liema xhieda madankollu bl-ebda mod ma tista' tigi skartata ghall-ahhar. Illi fejn jikkoncerna ix-xhud certu Dario Camilleri, illi dakinhar tal-incident stqarr illi kien qieghed jigri fl-istess kareggiata fejn sehh l-impatt, PS1227-Malcolm Pace stqarr illi;

Dr. M. Schriha: ' Ehe issa ghal li jista' jkun dan Dario Camilleri, tista' tghidilna x' qallek fil-mument li inti kellimtu?Inti kellimtu fuq il-post l-ewwel haga?'
Xhud (PS1227): ' Ija, kellimtu fuq il-post. Ha nghidlek ezatt l-ewwel verzjoni li qalli skond ir-rapport, ghandi kopja tar-rapport qieghed f' idi. Qalli ' ' kont gej bil-giri min-naha tal-Qrendi, direzzjoni lejn l-Imqabba u smajt hoss qisu tyre jisplodi u wara smajt break. Kif wasalt hdejhom rajt karozza marbuta.' ' Dawn huma il-precizi kliem li qalli.
Dr. M. Schriha: ' xi domandi ohra ghamiltlu jekk jogghbok?' '
Xhud: Le dawk, il-verzjoni tieghu dik.

Fix-xhieda guramentata tieghu l-istess Dario Camilleri meta mistoqsi stqarr is-segwenti:

Dr. M. Schriha: ' Sewwa, x' rajt dakinhar int?'

Xhud: ' Jien kont qed nigri mas-service road hekk fil-genb u giet karozza mill-genb imbaghad smajt break fit-tul'

................................

Dr. M. Schriha' break xi smajt break?break bilmod?break jghajjat?xhiex?

Xhud: ' twerzieqa ta' tyres normali'

Illi sahansitra hawn stess, jerga jirrizulta diskrepanza ulterjuri f' din ix-xiehda. Filwaqt illi Dario Camilleri, fil-police notes ta' PS1227, stqarr illi l-ewwel sema hoss qisu tyre qed jisplodi u wara smajt break, meta mistoqsi f' dawn il-proceduri, huwa jibdel il-verzjoni u sempliciment jistqarr illi kull me sema' kienet twerzieqa ta' tyres normali'.

Illi fil-perkors ta' dawn il-proceduri, kif gustament innotat il-Qorti, qatt ma gie stabbilit minn liema triq hareg il-mutur. Illi l-imputat, jistqarr illi peress li huwa qatt ma ra il-mutur u l-vittma qabel, l-unika spjeggazzjoni illi seta kien hemm hija illi l-mutur, emanixxa minn gewwa Triq il-Barrieri li hija T-junction mal-Bypass, fejn kont ghaddej jiena li qieghda ftit metri ' il boghod minn fej sehh l-impatt. Illi hawnhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha,l-ewwel Onorabbli Qorti ingustament skartat din l-ipotezi, stante illi irrizulta illi l-impatt sehh, tlettax -il metru gewwa Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Illi ta' min jinnota illi tali konkluzjoni hija wahda ambigwa, stante mhux biss it-tul fil-brake marks illi rrizultaw meta espletaw l-inkariga moghti lilhom l-esperti, izda ukoll jindika illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni it-thinking-distances, illi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi aggudikat impatt, skond kif jghallimna l-istess Highway Code. Illi jrid jigi nnutat illi ghandi jigi mehud in konsiderazzjoni mhux biss il-lok ta' fejn sehh l-impatt, izda ukoll il-punt ta' fajn saret il-manuvra, illi stimulat lill-appellant jirreagixxi sabiex jevita l-incident, liema punt qatt ma gie stabbilit b' mod konklussiv.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, ghamlet referenza ghall-diversi guristi u sentenzi b' mod partikolari dwar dawk is-sitwazzjonijiet, fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta, fejn ghamlet ezami approfondit l-Onorabbli Qorti tal-Appell

Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**. Kien hawn illli l-Onorabbli Qorti kkwotat diversi awturi u anke` gurisprudenza. Illi sabiex jirrizulta l-element tal-culpa, dik mhux levissima, irridu jikkoincidi t-trepod tal-kolpa ;

In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala;
La volontarieta' dell' atto
La mancata provisione dell' effetto nocivo; u
La possibbilita' di prevedere

Illi tenut kont il-provi prodotti mill-atti, jidher b' mod ampju illi l-ewwel Onorobbli Qorti ghamlet decizjoni zbaljata, meta ggudikat lill-appellant illi huwa kien qieghed isuq b' velocita' qawwija, ghalkemm legalment qatt ma setghat issibu hati ta' tali akkuza. Illi hekk kif diga gie sucitat, l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet ragjonevoment tasal ghall-velocita' illi biha kien qieghed isuq l-appellant, tenut kont il-provi u l-elementi illi fihom sehh l-incident. Huwa ghalhekk, illi b' dan ir-ragunament qatt ma seta' jigi stabbilit l-ewwel element tat-trepod tal-kolpa, u cioe' la volontarieta dell' atto', ghax hija biss indikazzjoni preciza tal-velocita', li setghet twassal ghal tali. Illi l-istess jista' jinghad in kwantu jikkoncerna, it-tielet element illi ukoll huwa ferm dubjuz u cioe' La possibilita' di prevedere, stante illi mill-provi jirrizulta illi mhux biss is-sewwieq ha diversi prekawzjonijiet qabel saq il-vettura, izda l-element ta' negligenza grassa, jirrizulta b' mod ovju da parti biss tal-vitma, hekk kif diga' gie elenkat aktar kmieni.

Illi l-gurisprudenza taghna, dejjem ikkontendiet illi l-oneru tal-prova huwa fuq il-prosekuzzjoni;

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li lakkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-"*Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa -onus probandi incumbit qui osservit*." Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-

imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, filkawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker: "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*."

Fl-istess sentenza, din l-Onorabbli Qorti tkompli billi tghid is-segwenti;

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk ilprovi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi gialadarba, il-gurisprudenza mhux biss tghallimna illi l-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni huwa wiehed ferm oghla minn dak tad-difiza, u cioe' lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, jidher b' mod car illi l-ewwel Onorabbli Qorti, tenut dak hawn fuq sucitat qatt ma setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija fil-konfront tal-imputat. Dan ukoll, minhabba il-fatt illi mhux biss hemm diversi mankanzi li jhallu diversi mistoqsijiet la kemm mwiegba izda ukoll minhabba il-fatt illi l-konkluzjonijiet illi waslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti, kienu msejsa fuq interpretazzjoni zbaljata tal-fatti u fuq kollox id-dinamika tal-kaz.

**PIENA ECCESSIVA**

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba id-diskrezjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Dan il-principju gie rifless f' diversi sentenzi;

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009]:-"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi, bla dubju, il-piena inflitta mill-ewwel onorabbli Qorti, in kwantu jikkoncerna is-sejbien ta' htija fl-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjoni, hija wahda harxa u li ma tirrispekkjax, il-fatti tal-kaz. Illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti, ghamlet referenza ghall-element ta' negligenza kontributorja da parti tal-vittma, dan ma giex rifless meta din l-istess Qorti erogat il-piena. Illi in linea mal-principju, illi l-gustizzja mhux biss trid issehh, izda trid tidher li qeghda issehh, b' sens ta' responsabbilta' jista' jinghad illi l-vitma ghamel dak kollu possibbli, sabiex ma jigix evitat ir-rizultat illi ghandna quddiemna llum.

Di piu' hekk kif jirrizulta, mix-xhieda prodotta u l-provi ammessi, l-appellant mhux biss 1. Ikkopera mal-Pulizija 3. kien hu li ta' l-ewwel ghajnuna lill-vittma u 2. Mhuwiex ta' fedina refrattarja, izda fuq kollox 4. ser ikollu jkun hu li jgorr dan l-avveniment xejn pjacevoli ghall-hajtu kollha. Illi s-sitwazzjoni tkompli tiggrava, meta minn studju reqq u approfondit tal-atti u s-sentenza moghtija, mill-ewwel Qorti mhux biss jigi stabbilit illi tali sentenza naqset milli tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi hekk kif hawn fuq spjegati, izda fuq kollox erogat piena eccessiva, in linea ma dawk moghtija f' kazijiet vero-simili.

Semghet lill-partjiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2019.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ma ghexetx il-process u ma semgehtx ix-xhieda jixhdu viva voce u ghalhekk ghandha toqghod u titrieh fuq ix-xhieda dattilografata fl-atti. L-ewwel aggravju tal-appellant hu dak bazat fuq in-nuqqas ta' apprezament li ghamlet il-Qorti dwar il- provi imresqa quddiem l-ewwel Qorti.

In primis, jinghad li hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:

i. **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi</u>**[1]
ii. **<u>Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[2]
iii. **<u>Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul</u>**[3]
iv. **<u>Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech</u>**[4]
v. **<u>Il-Pulizija v. Carmelo Schembri</u>**[5]
vi. **<u>Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed</u>**[6].

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni il-Qorti ghandha tesamina l-atti processwali kollha qabel ma tghaddi biex tesamina l-aggravji tar-rikorrenti u taghmel analizi taghhom.

Ikkunsidrat.

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 12 ta' Mejju 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Gunju 1994
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' April 1995
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1995.

l-**Ispettur Johann Fenech** xehed nhar it-22 ta' Gunju 2015 (fol. 14) u spjega li fis-sieghat bikrin tal-10 ta' Jannar 2014 ghal xi hamsa u ghaxra ta' filghodu kien gie infurmat mill-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq li ftit tal–hin qabel l-5.10 am kien infurmhom certu PC 133 Jean Claude Mangion likien ghadu kif kien involut f'incident tat-traffiku fit Triq il-Konvoj ta' Santa Marija mgharuf bhala il-Bypass ta' l-Imqabba u infurmhom ukoll ikien hemm xi ambulanza mat-triq. Appena dahal dan ir-rapport PS 1227 Malcom Pace stazzjonat l-ghassa tal-pulizija taz Zurrieq mar fuq il-post indikat lilu. Skond ma gie rapportat lilu l-vettura tal-ghamla Peugeot 206 ta' kulur Silver bin-numru ta' registrazzjoni 018 kienet involuta fl-incident u garrbet hsarat esetnsivi fuq in-naha ta' quddiem inkluz il-bumper, bonnet il-windscreem ta' quddiem u parti mis-saqaf. Qallu li l-habta kient qawwia ukien involut ukoll sewwieq ta' mutur tal-ghamla Piaggio bin-numru ta' registrazzjoi BB 349 u is-sewwieq tal-mutur deher bla sinjali ta' hajja fit-triq. Dn kien wiccu l-isfel.
Huwa mar fuq il-post u infethet inkejsta.

Qal li huwa ra l-vettura Peugeot fuq il-karreggjata gieli taghti minn naha tal-Belt lejn l-Imqabba pero' thares kontra. Minn dak li seta' jidher, l-appellant kien sejjer mill-Qrendi ghall-Imqabba pero' sabha fuq l-karreggjata l-ohra wiccha 'l barra kien qisu hiereg mill-Qrendi. Il-mutur sabu fuq il-karregjata it-tajba u cioe' int hu sejjer mill-Imqabba 'l barra u kien maqlub fuq il-genb kien ta' lewn ahdar u id-dawl ta' wara kien ghadu mixghul. Dan il-mutur kellu hsarat kbar especijalment fuq in-naha ta' wara tieghu. Ma l-art kien hem hafna tifrik minn fejn il-bus stop sa fejn insatab il Piaggio fl-art. Kien hemm xi mitt metru jew fuqhom zgur it-tifrik ma l-art jigifieri kemm tal-mutur u kemm tal-vettura ukoll.

Il-vettura kellha hsara fuq quddiem u l-mutur kellu hsara fuq in-naha ta' wara. Fuq il-mutur setgha jara ticpis ta' zebgha hamra u ghalhekk haseb li l-impatt sar fuq in-naha ta' wara. Ftit metri 'l isfel hdejn il piaggio kien hemm gisem ta' tfajjel bla hajja u kellu griehi hergin minn rasu b'hafna demm. Dan gie identifikat bhala Clive Bonavia. Gie notat ukoll li kien hemm break marks twal ovvjament wara l-vettura u li bdew mal-karreggjata t-tajba illi supost tkun miexi fuqha lejn il-Belt u baqghu sejrin sa fejn waqfet il-vettura.

Sadanittant sakemm gew l-experts fuq il-post u insomma gabu t-tabib hemmhekk illi iccertifika lil dan iz-zagazugh mejjet. Ra l-crash helmet tal-mutur li kienet kwazi kollha intatta bla brix jew hsarat fuqha. Din sabha xi metri l-isfel mil-Piaggio u cioe fl-exit tas-side street Triq il-Barrieri f'nofs il-karreggjata fuq il-white line tan-nofs. L-appellant kien jidher li qieghed taht shock qawwi. Sarlu l-breathylser test li u r-risultat kien negattiv ghall presena ta' droga.( Dok JF1 fol 21).

Minn investigazzjoni mizmuma minnu irrizulta li l-mutur li kien rikeb Clive Bonavia ma kienx tieghu izda ta' certu Paul Bezzina mill-Belt. Waqt li l-vettura li kien riekeb l-appellant kient tieghu. Irrizulta pero' li filwaqt li l-mutur kien kopert b' polza ta' sigurta is-sewwieq ma kellux licenzja tas-sewqan. Huwa tkellem ma l-appellant u dan qallu li qabel l-impatt ma kienx ra l-mutur u induna li kien laqat mutur bl-impatt.

Dak il-hin kien hemm in-nida u kien hemm certu cpar , il-vizibilita' kienet ristretta u fil-fatt xeghel il-heater fid-direzzjoni tal-windshield biex ma tibqax intapna. Mistoqsi kemm kien miexi jghid li kellu speed ta' bejn 50 u 60 km/fs. L-appellant dak il-hin kien sejjer ix-xoghol first watch li jibda fil-5.00a.m. L-incident sehh fill-5.10 a.m.

**Ix-xhud** rega' xehed in kontro esami nhar l-14 ta' Novembru, 2016 u kkonferma li kien mar fuq il-post dak in-nhar tal-incident ghall-habta tal-5.15 a.m u baqa' hemm sakemm gew l-esperti tal-Qorti u tnehha il-katadvru u debri snin fuq il-post u kkonferma li meta wasal fuq il-post diga' kien hem membri ohrajn tal-pulizija fil-lok. Ikkonferma li l-appellant ma giex sospiz waqt l- andament ta' dawn il-proceduri.

Mistoqsi jekk hux cert li l-mutur kellu d-dawl minkejja li qala d-daqqa fuq il-wara tieghu jghid li sa fejn jiftakar hu huwa minnu li l-mutur kellu d-dawl mixghul. Qal hekk ghaliex kien kiteb ir-raport ftit wara li kien sehh l-incident. Mistoqsi jekk iltaqax ma' Julia Farrugia Portelli fuq il-post jghid li le. Qal li dakinhar din Julia Farrugia Portelli cemplet fis-6.00 am biex tkellem lil-Kummissarju tal Pulizija u dan ma setax ikellimha u riedet taghmel statment. Qal li din allegat li kien ghadda hafna hin minn meta sar l-accident u waslu fuq il-post il-pulizija biex jinvestigaw. Tghid li kien

hemm persuna libes flok abjad u riditna inkellmuh pero' ma setghux jaslu ghal min kien. Stqarret ukol illi kulhadd beda jghaffeg fuq id-debris u li kien hemm xi nies ifixklu l-investigazzjoni kollha. Qal ukoll li minkejja dak li stqarret Julia Farugia Portelli it-triq kienet imxarba bin-nida.

**PS 1227 Malcolm Pace** xehed fit-22 ta' Gunju, 2015 u stqarr li nhar l-10 ta' Jannar 2014 kien xoghol first watch l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq u gie infurmat li PC 133 Jean Cluade Mangion l-appellant kien involut f'incident tat-traffiku gewwa l-Bypass ta' l-Mqabba u li kien hemm persuna li kient qed titlef hafna demm minn rasha. Huwa informa lil Control room fejn dawn infurmawh li kienu gja baghtu ambulanza. Huwa flimkien ma PC 727 u PC 1274 marru fuq il-post immedjatament fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba u hemmhekk sab diga' unit tal-RIU. Qal li dakinhar it-triq kient mimlija bin-nida u t-triq kienet tizloq qisha sapun.

Mill-ewwel indikazzjoni kien jidher car li kien hemm kollizjoni bejn vettura u mutur. Ma l-art kien hemm persuna bla sinjali ta' hajja bid-demm hiereg minn rasha. Qal li fuq il-post kien hemm l-appellant taht shock kbir li ma felahx jitkellem u spicca mar l-isptar akkompanjat mill-kollegi tieghu.

Il-habta saret fi Triq il-Konvoy ta' Santa Marija fil-parti ta' bejn triq il-Barrieri u triq Valletta Road. Il-kollizzjoni saret bejn il-vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoi BBI 249 misjuqa mil-appellant u mutur misjuq minn Clyde Bonavia. Il-vettura Peugeot 206 kienet qeghda tinstab fuq il-karreggjata li taghti len id-direzzjoni tal-Qrendi jigifieri thares lejn it-Triq il-Belt u kient qieghda fi stat wrong way.

Gie nnutat li l-gisem tal-mejjet kien hemm madwar 53.9 metres 'l boghod mil-mutur u kif ukoll 59.3 metres 'l boghod minn fejn instabet il-crash helmet tal-vittma. Il-crash helmet instabet ezatt fuq il-linja tan-nofs tat-triq. Fit-triq kien hemm hafna tifrik.
Il-Peugeot kellha break marks fuq l-istess karreggjata fejn instabet il-vettura u dawn gew imkejlha u kien hemm madwar 45.75 bhala break marks. Jaf li sar breathylser test fuq l-appellant li ta' risultat negattiv ghal-presenza ta' xorb.

Fuq il-post ghamel xi inquiries u tkellem ma' Dario Camilleri. Dan qallu li kien gej min naha tal-Qrendi bil-giri direzzjoni tal-Imqabba u sema hoss qisu tyre jisplodi u wara sema break u mbaghad wasal ma genb karozza mahbuta. Kellem ukoll lil certu Jeffrey Handy li qal li wasal fuq il-post flimkien ma Dario Camilleri. Spjega li waqt li kien sejjer ghax-xoghol bil-vettua tieghu, huwa kien gej minn naha tal-Qrendi direzzjoni lejn l-Imqabba kien hemm ragel fuq il-venda fejn indikalu biex jisslowja u mar fuqu pulizija biex jghatih ftit il-mobile halli jkun jista' jcempel ghall-assistenza. Dan kien ghall-habta tal-5.10am. Huwa kellem ukoll lil certu Rokku Camilleri fejn dan qallu li kien ra dawl tal-beacon lights per se ma kien sema xejn izda wara mar bil-mixi fejn l-incident biex jara x'kien gara.

Spjega li l-Peugeot kienet qeda fuq il-karreggjata opposta li taghti direzzjoni lejn il-Qrendi. Pero' wicc il-karozza kien qed ihares lejn Triq Valletta road Imqabba. Il-vettura kienet wrong way. Huwa pprezenta l-okkorenza li giet markata bhala dok M a fol 29.

Ix-xhud in kontro esami kkonferma li l-break marks kienu xi 45.75 metri dawn kienu min naha tal-karregjata li inti sejjer lejn id-direzzjoi ta' Triq il-Belt Valletta jaqsmu ghan naha l-ohra tal-karreggjata opposta.

Qal li huwa tkellem ma Dario Camilleri fuq il-post u dan qallu li kien gej bil-giri min naha tal-Qrendi direzzjoni lejn l-Imqabba u sema hoss qisu tyre jisplodi u wara sema break. Appena wasal hdejhom ra karozza mahuta.

Jeffrey Hendy qal li kien sejjer ghax-xoghol bil-vettura tieghu u kien ghaddej minn Triq il-Konvoy ta' Santa Marija in-naha tal-Qrendi direzzjoni lejn l-Imqabba. Kien hemm ragel fuq il-venda fejn indikalu biex jislowja u wara mar fuqu pulizija u talbu jaghtih il-mobile u jghinu ghaliex kien invokut f'incident Meta avvicina l-habta ra ragel mal-art rasu 'l isfel f'ghadia demm. Dak il-hin il-pulizija talbuh il-mobile u cemplu ghal ambulanza tlett darbiet fil-5.12am, fil-5.14 am u fil-5.15 am. Jghid li meta wasal fuq il-post Julia Farrugia Portelli kienet gja telqet minn hemm.

**Rocco Camilleri** xehed nhar it-2 ta' Mejju 2016 u jghid li dakinhar tal-incident huwa ma kienx presenti meta sehh. Spjega li huwa jghix xi hamsin jew sittin metru l' boghod minn fejn sehh l-incident u filghodu ghall-habta tal-5.15am kif qam il-mara qatlu li kien hemm xi beacon lights mixghula u qam jara x'kien gara u nnota qisu flashes ta' dawl u hareg jittawwal barra u ra lil pulizija. Kif ra l-vettura tal–pulizija hareg ghid forsi hemm xi hadd li kellu bzonn l-ghajnuna u mar fuq il-post u sab persuna mixhuta ma l-art li ma kienx jaf min hi.

**Dario Camilleri** xehed fl-atti tal-inkjesta u darb ohra viva voce il-Qorti quddiem l-appellant u spjega li dakin-nhar tal-incident kien qed jigri lejn l-SGS lejn l-Imqabba. Giet karozza fil-genb u appena ghaddiet minn mieghu sema break fit-tul. Imbaghad, ittawwal hekk 'l barra u ra l-karozza qeda mal-hajt in-naha l-ohra wieqfa. Qal li l-vettura kienet ghaddejja fl-istess direzzjoni tieghu. Sema bhal spluzjoni ta' tyre u appena hares lura ra l-vettura sejra mal-genb tan-naha l-ohra tat-triq. Dak il-hin ra ukoll xi haga ma l-art. Qal li sema twerziqa ta' tyres normali qabel ma ra l-karozza wieqfa. Qa li dakinhar ma tkellem ma hadd u meta ra l-vittma ma l-art telaq 'l hemm. Il-pulizija marru jkellmuh wara l-incident.

**PC 727 Orazio Scicluna** kkonferma li mar fuq il-post tal-incident flimkien ma PS 1227 fejn sabu kollizzjoni bejn vettura tal-ghamla Peugeot u mutur. Huwa qaghad jidderigi t-traffiku waqt li s-surgent ghamel l-investigazjoni preliminari. Ikkonfermali l-vettura kient fuq il-karregjata li tiehdok ghal-Qrendi minn fuq il-Bypass u l-mutur kien fuq il-karegjata mill-Imqabba sejjer lejn il-Belt. Ra li ma l-art kien hemm persuna bla sinjalli ta' hajja u kien hemm id-debris.

**Stephen Cachia** xehed in rappresentanza ta' TM u kkonferma li l-Peugeot numru t registrazzjoi GAU 018 tghajjat lill-appellant sad-29 ta' Ottubru 2014 skond id-dokument minnu esebit u markat bhala dok SC1 ( fol. 46).

Fl-atti hemm inseit l-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr Neville Camilleri .
Rat ir-relazzjoni esebita mis- scene of the crimne officers **PC 813 Clinton Vella u PS 239 Joseph Caruana** li giet markata bhala dok JC1. F'din ir-relazjoni hemm gabra ta' ritratti relatati mal-incident de quo.

**Jospeh Zammit** espert tekniku xehed fl-atti tal-inkjesta nhar il-5 ta' Frar 2014 u pprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok JZ ( fol. 123). Dan ikkonkluda billi ghamel is-segwent osservazzjonijiet:-

1. Illi nhar l-10 ta' Jannar, 2014 ghall-habta ta5.10 a.m fi Triq il-Konvoy ta' Santa Marija, limiti ta' Mqabba sehh incident tat-traffiku bejn zewg vetturi wahda minnhom misjuqa mill-akkuzat tal marka Peugeot 206 numru ta' registrazzjoni GAU 018 u mutur misjuq mill-vitma Clive Brincat tal-marka Piaggio numru ta' reigstrazzjoni BBI 349.
2. F'dan l-incident tilef hajtu Clive Brincat.
3. Illi l-vettura Peugeot involuta kellha daqqa soda u hsarat estensivi fuq il-parti frontali taghha. Filwaqt li l-mutur ukoll kellu daqqa soda u hsarat estensivi fuq in-naha tax-xellug tieghu.
4. L-incident sehh fil-karreggjata tax-xellug meta mill-Qrendi tkun sejjer lejnid-direzzjoni ta' Hal Luqa.
5. Ili fil-hin tal-incident it-triq kient imxarba,mhux bix-xita imma b'nida qawwija li nizlet matul il-lejl. Il-triq hija armata bi street lights.
6. Illi ma kien hemm l-ebd aprova li kien hemm terza karozza involuta f'dan l-incident.
7. Illi mill-ezamijiet teknici mizmuma minnu fuq iz-zewg vetturi sabeix jigi stabilit l-kawza tal-incident ma kien xjirriulta li qabel l-incident sehhew xo difetti hjew hsarat bha;l ma huma xi qtugh tal isteering jew x nuqqas ta' brejkijiet.
8. Illi z-zewg vetturi involuti gaarbu hsarat estensivi l=iktar l-mutur li mill-hsara li garrab ma jissewwiex u mhux tajjeb aktar biex jintuza fit-triq .
9. Il-cvalur tal-mturu qabel l-incident ken ta' tmin mitt euro ( €800) u illum bhala wrec il-valur tieghu huwa ta' seba' mit teuro ( €700)
10. Il-Peugeit garbet hsara li ghalkemm estensivi tista tirgi irrangata u l-izpiza tlahhaq mal-elfejn euro ( €2,000).
11. Fkimkien mar relazzjoni huwa pprezenta 21 ritratt li huwa stess gibed fuq il-post tal-incident liem aritratti gew markati bhala dok MJZ1 sa MJZ 21.

Il-**Perit Richard Aquilina** xehed nhar it-12 ta' Marzu 2014 fl-atti tal-inkjesta li giet mizmuma u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bala dok RA. Il-Perit iddeskriva l-post tal-incident u stqarr li l-post fejn sehh l-incident kien fil-By pass tal-Mqabba li tinsab bejn Triq il-Belt Valletta u Diamond Jubille Square. Din it-triq dritta b'zewg karregjati wahda kontra l-ohra u ghandha xi frieghi li jghaqdu maghha minn gol-villag. Il-vettura Peugeot halliet *break marks* fuq il-karreggjata li taghti lejn il-Qrendi kienu ta' (35-28-29). Kkonferma li t-triq kienet imxarba. Pero stqarr il-karregjata li minn naha ta' Diamond Jubilee Square taghti ghal Hal Luqa kienet xotta.

Nhar is-6 ta' Mejju 2014 xehed ukoll fl-atti tal-inkjesta **Pl Mario Buttigieg** espert tat-traffiku li kien gie nominat mill-Magistrat fl-atti tal-inkesta. Dan l-espert sema ukol lix-xhieda relevanti ghal dan il-kaz. Minn dak li sema l-espert kkonkluda is-segwenti:-

1. Stqarr li mix-xhieda mehuda minnu u fil-hin meta zamm l-access it-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-visibilta kienet tajba .
2. Jispjega li kemm il-vettura Peugeot u l-mutur kienu ghaddejjin fl-istess direzzjoni u cioe min naha tal-Qrendi sejrin lejn il-Gudja .
3. Illi l-appellant isewweiq tal Peugeot baqa' diehel bil-vettura teighu fil-wara tal-mutur li kellu bhala sewwieq ll Clive Brincat.
4. Permezz ta' din id-daqqa Cilve Brincat tar minn fuq il-mutur ghamel kuntrumbajsa fl-arja bil-konsegwenza li habat rasu bejnis-saqaf u l-windscreen tal-vettura Peugeot u bil-feriti li sofra miet fuq il-post.
5. Illi dakinhar l-appellant kien tard ghax-xoghol. Intqal li l-appellant jahdem bhala ufficcjal tal-pulizia ma l-ghassa ta' Normla u kien xoghol first watch li jibda fil-5.00a.m meta l-incident sehh fil-5.10°.m met aien ghadu l-Qrendi
6. Bil-habta il-vettura Peugeot gabet hsarat estensivi fuq qiddiem waqt li l-mutur garrab hsara fuq wara .
7. L-appellant kein ghaddej b'velocita qawwija u bhala konsegwenza ma rax lis-sewwieq tal-mutur u b'hekk baqa' diehel go fih ( front to rear collision)
8. Mal habta is-sewweiq tal-mutur tar, dar u habat rasu bejn is-saqaf u l-windscreen u b'hekk sofra feriti f'rasu .

9. Illil-crash helmet tas-sewwieq Brincat jew ma kienx milbus jew jekk kienmilbus ma kienx maqful bil-konsegwena li sofra feriti gravi f'rasu u dan isntab diversi metri 'l boghod minn fejn spicca il-vitma.

A bazi ta' dawn ir-risultani kien tal-fehma li l-appellant ghandu iwiegeb ghar responsabilita tieghu li kkaguna dan l-incident awtomobilistiku fejn sahanstira tilef hajtu Clive Brincat.

Nhar l-10 ta' Ottubru 2016 ix-xhud rega xehed u kkonferma li Julia Farrugia Portelli ma xehditx quddiemu meta kien qed jigbor ix-xieda gewwa l-ghassa tal pulizija taz Zejtun. Qal li kieku kien jaf qabel ma irrelata li l-vitma ma kelluxlicenzja biex isuq mutur kien jghamel refernza ghaliha fir-relazzjoni teighu. Qal li pero l fatt li kellu jew ma kellux licenzja tas sewqan ma tbiddel xejn mid dinamika tal-incident .Jghid li veament l-vitma ma kienx libes helmet safejn irrizultalu. La kien hem mcineg imqacta u lanqas marki tal helmet madwar l ghonq tieghu ma kien hemm. Qal li keku l-vitma kien libes helmet seta kien il-kaz li l-ferit li ssubixxa Brincat kienu ikunu ferm inqas serji. Qal li l-appellant xehed quddiemu u ma jirrizultalux li ma kienx qed ighid il-verita. Qal li l-appellant kellu shock fuqu wara l-incident. Ikkonferma li dakinhar kien hemm hafna cpar. Ikkonferma li minkejja li kkonkluda li l-appellant kien qed isuq b'mod eccessiv hadd mix-xhieda ma qallu l-ispeed li kellu. F'dik it-triq il-massimu hu 80km/fs. Qal li huwa wasal ghall-konkluzjoani teighu li l-appellant saq b'mod eccessiv minhabba id dinamika tal-incident u mill-posizjoni takif spicca il-vitma u dan ghaliex aktar ma jkun hemm veli=ocita aktar jghola il-gisem nid-daqqa li jaqla. Fuq il-parti ta' fuq tal- vettura tal-appellant kien hem laham u xahar tal- vitma u ghalhekk waal ghall-konkluzjoni li l-appellant kien qed isuq presso o poco 'l fuq minn 80 km/fs. Ikkonferma ukoll i f'temp fejn il-kundizzjoni tat triq tkun wahda bin-nida qawwija il breaking distance tkun itwal milli kieku il-kundizzjoni tat trieq kient wahda tajba. Ikkonkluda li kien hemm brixx frisk ma l-art li fil-fehma tieghu li kien ikkaguat mill-mutur li kien qed jitkaxkax ma l-art ta' 107.2 metri. Qal li Triq il- Barrieri tinsab fuq in naha tax xellug tat triq minn fejn kien ghaddej l- appellant u bejn il-hrug ta' din it triq sekondarja sa fejn spicca il-brix kien hemm distanza ta' 136 metri. Ma setax jikkonferma jek kil-mutur jharigx minn Triq il Barrieri jew jekk kienx gej min Triq il Konvoj ta' Santa Marija ghax xhieda okulari ma

kienx hemm .Fil-fatt jikkonferma li l-appellant fl-ebda hin ma qallu li rahhiereg minn side road u jekk dahalx fi Triq principali. Qal li ras il-vitma dawruielu met akien hemm l-esperti tal-Qorti fosthom Dr Mario Scerri. Ikkonferma li meta mar hu kien hem mkarozzi ohra li lahqu ghadew u ghalhekk iddisturbaw id debris. Jghid li huwa wasal ghall-konkluzjoni i kien hemm sewqa negligenti traskurat u perikoluz minhabba it tip ta' griehi li kien hemm u min natura tal impatt.

Fid-9 ta' Gunju, 2014 xehdu l patologisti **Profs MT Camilleri, u Dr Ali Safraz** u ppezentaw ir- relazzjoni taghhom li giet markata bhala dok MTC 1 fejn kkonkludew li " *the death of this young male is certified as being due to fractured skul and intracranial aemorraage following a major aaccident*."

**Dr Mario Scerri** xehed nhar il-15 ta' Dicembru, 2014 u kkonferma fir-relazjoni tieghu li giet markata bhala dok MS1 u kkonkluda li l-lezjonijiet kif deskritti minnu fir-rapport tieghu fuq l-katadru ta' Clive Brincat huma kompattibli ma impatt vjolenti u li l-kawza tal-mewt tieghu kienet relatata ma l-imsemmi incident awtomobilisitiku.

Illi nhar it-23 ta' Settembru, 2015 (fol. 291) xehed **PC 40 Malcolm Cachia** u kkonferma li l-appellant huwa kuntistabbli fil-korp tal-pulizija bin-numru 133. Stqarr ukoll li dak iz-zmien meta xehed l-appellant kien stazzjonat fir-raba' distrett.
Karen Cremona xehdet fit-23 ta' Settermbru 2015 in rappresentanza tas-socjeta Transport Malt u kkonfermat li l-mutur bin-numru ta' registrazzjoni BBI 349 huwa registrat f'isem Paul Bezzina detentur tal karta ta' identita numru 418960(M) u ilha tghajjat lilu sa mis-16 ta' Mejju 2005. Rigward jekk Clive Brincat kellux licenzja tas-sewqan jinghad li u ma kellux licenzja tas-sewqan biex isuq mutur pero kellu licenzja sabiex isuq karozza li kienet ilha skaduta sa mis-17 ta' Dicembru 2012.

**Paul Bezzina** xehed nhar it-23 ta' Settembru 2015, stqar li l-mutur li kien qed isuq Clive kien prorpjeta tieghu pero kien registrat fuqu biex jghamillu pjacir .

**Julia Farrugia Porteli** xehdet nhar il-25 ta' Jannar, 2016 u spjegat fiz-zmien meta sehh l-incident kienet tiehu hsieb li taghmel il breakfast show fuq it televixin. Is-sejha

taghha kient tkun fis-6.00a.m biex tibd ail-programm fis-sebgha pero ghandh avizju li tmur fl-istudio qabel biex ma tasalx tard.
Dak in-nhar fil-5.15°.m kient fi Tri qil Konvoy ta' Santa Marija, l-Imqabba i hij atriq li tghaddi minnha kwazi kuljum. Qalet li dak in-nhar rat f'nofs il-karreggjata numru ta' affarijiet kbar li kellha tevita sabeix il-vettura ma tghaffighomx u meta regghet lura fil-karreggjata proprja taghha ftit metri 'l fuq rat katavru. Hija nizlet u marret lejni-katavru u ma genbu kien hemm zewgt irgiel u staqithom hekk kienx qed jitkellem u qalulh ail kien ghadu qed jiehu n-nifs. Nizlet ma l-ar tmesset il-katavru u kien ghadu shun u meta hasset ghoqnu innutat li l-polz tieghu kien vera batut.

Dak il-hin staqsiet il-pulizija fejn kienet il-parti l-ohra u l-pulizija qaltilha li ma kienx hemm parti ohra ghaliex kien hu li tghajru. Hija gharfet lill-appellant bhala l-istess persuna li rat fil-jum tal-incident. Ikkonfermat li kient hi li cemplet lill-pulizija dak in-nhar u staghgbet li meta qabdithom hadd iehor ma kien cempel qabilha. Qalet li fuq il-post waslu ukoll xi memrbi tal-RIU u zewg min nies ohra wiehed minnhom libes flok abjad li ma kienitx taf min huma.
Nhar is-7 ta' Marzu 2016 rgghet xehdet u esebiet ritratt li gi emarkat bhala dok JF 1 flimkien ma pendrive li gie markat bhal dok JF 2. Ikkonfermat li dan ir ritratt ittihdet fil-5.22 u sa dak il-hin l-ambulanza kient ghadha ma waslitx. Ikkonfermat li fit triq kien hemm hafna fdlaijiet tal-karozza li setghu gew tempered ghaleix il-pulizija damu ma jaslu peress li kien hemm xi karozzi li ghaddew u setghu ghafguhom. Qalet ukoll li ma tiftakarx li t triq kienet mimlija bin-nida. Ikkonfermat li meta rat il-vitma dan kien wiccu 'l fuq ihares lejn is-sema

**PC 1556 Michael Fararugia** xehed nhar is-7 ta' Marzu 2016 u kkonfermat li dakinahr tal-incident tal 10 ta' jnnar 2014 huw akien stazzjonat l RIU u dak il-hi tal-accident kienu qed jgamlu patrol. F'xi hin dahletilho telefonata mill-control room fi Triq il Konvoy ta' Santa Marija kien hemm accident u ghalhekk marru fuq il-post. Qal li t-telefonata dahlet ghall-habta tal-5.00a.m u huma waslu fuqi-post xi sitt minuti wara. Qal li sabu karozza mahbuta ma mutur, persuna wiccha 'l isfel ma l-art u persuna femminili ghar- rkuptejha lejha u persuna ohra li kien pulizija.

Dak in-nhar huwa kien ix-xufier u appena waslu fuq il-post il-kollega tieghu PC 282 nizel mill-vettura u mar ighin il-persuna li dehret midruba u huwa mar jghalaq it-triq permezz ta' police tape u bi-karozza tas-servizz u zamm lin-nies biex ma jidhlux. Waslu ukoll karozza ohra tad distrett u l-ambulanza wara ftit tal-hin. Il-persuna mimduda ma l-art kienet f'nofs it- triq minghajr helmet. Il-helmet instabet 'l fuq minn fejn ghalaq hu. Ikkonferma li l-kundizzjoni tat-triq ma kienitx tajba dakinhar kien hemm hafna nida. Ghall-ewwel lanqas induna li s-sewwieq tal- karozza kien kollega tieghu u haseb li kien qieghed hemm biex jassisti.

**PC 282 Adrian Mckay** xehed fis-7 ta'Marzu, 2016 kkonferma li kien jahdem mal- RIU u li kien fil-kumpanija ma PC 282 u li kienu ircevew telefonata mill-control room. Dak il-hin kien 5.14 am. Qal li ra vettura tal-ghamla Peugeot bin- numru ta' registrazzjoni GAU 018 li kellha daqqa fuq quddiem u kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq u raw il-vitma ma l-art wiccha 'l isfel fl-istess triq. Appena waslu mill-karozza huwa nizel u mar jara jekk setghax jghati l-ghajnuna lil vitma u hemmhekk kien hemm Julia Faarrugia Portelli u din bdiet tghajjat mieghu u tghidlu li missu jisthi kemm damu biex waslu. Jghid li pero l- kaz ma kienx hekk ghaliex huma waslu fuq il-post fi zmien hames minuti minn meta ircevew it- telefonata. Qal li staqsiha jekk kienitx rat l-incident u wiegbet fin-negattiv. Ikkonferma li l-kollega tieghu ghalaq it-triq bit-tape beix jippreservaw ix-xena. It-triq kienet imxarba bin-nida. Meta waslet il-pulizija it-triq kienet gja maghluqa. Qal li fuq il-post ma iltaqa' m ahadd li kien ra l-incident isehh.

**Jeffrey Hendy** xehed fl-atti tal-inkjesta quddiem Pl Mario Buttigieg u rega viva voce il-Qorti nhar it-2 ta' Mejju 2016 u stqarr li dakinhar tal-incident kien sejjer ghax xoghol minn Triq Karmenu Ciantar u qabad il-bypass Triq il Konvoj ta' Santa Marija u kien ragel fuq il-venda u qallu biex isuq bil-mod ghaliex kien hemm habta aktar'l fuq. Mid-direzzjoni oppota mar ragel fuqu u talbu l-mobile u peress li rah libes ta' pulizija nizzel it tieqau tah il-mobajl. Dan cmpel u mar naqra 'l boghod u qad jsitennuh fil-karozza. Il-hoss tal-incident ma semahx. Ikkonferma li dakainhar it- triq kienet imxarba. Mar jigri l ghassa u sabha maghluqa u rega nizel biex forsi ighati l

ghajnuna imma sab it -triq maghluqa bil-hadid tal-pulizija. Meta ra l-appellant fuq il-post dan kien ippanikjat hafna, kien hu li ghamel it- telefonata.

**Sephora Zahra** ukoll xehedet fl-atti tal-inkjeta quddiem Pl Mario Buttigieg u spjegat illi hija kient fi relazzjoni ma Clive Brincat u dak il-lejl kien raqad ghandha. Ikkonfermat li dakinhar ta' l-incident huwa kien telaq minghandha ghall-habta tal-5.00a.m Fejn kien ipparkja l-mutur ma tafx pero taf li mar ghandha bir-rigel Meta telaq mid-dar kien b'sahtu u ma kienx qed ihossu hazin Mistoqsija jekk marx id-dar bil-crash helmet tghid li ma tiftakarx .

L-appellant **Jean Claude Mangion** xehed fl-atti tal-inkjesta dak in-nhar stess tal-ncident u spjega illi huwa kien qed isuq vettua tal- ghamla peugeot numru ta' registrazzjoni GAU 018. Huwa qam ghall-habta tal-4.00a.m biex imur lejn ix-xoghol fejnkien first watch Bormla. Ma jiftakarx fix-xhin telaq mid-dar. Dak il-lejl kien raqqad il-vettur barara u kien hemm hafna nida tant li qabel ma beda isuq xeghel il-wipers u anke xeghel il-heater sabiex jitlaq il-fwar.Appena wasal fi Triq il Konvoj ta' Santa Marija ma jafx kemm kien ghaddej. Ghalih kien ghaddej bi velocita normali izda kien ghaddej bil fifth gear. Appena wasal fl inkrocju ta' Tri qil Barrieri sema hoss. Huwa fl-ebda hin ma ra il-mutur hiereg minn triq sekondarja ta' trieq il Barrieri. Appena sema il-hoss ghafas il-break sakemm l-istes vettura waqfet hesrem. Hareg biex jara kif kien. Il-helmet kien ma l-art pero ma jiftakarx fejn kienet. Ma jafx kif spiccat fil-karreggjata l-ohra u lanqas ma jiftakar kif is-sewwieq tal-mutur spicca fuq il–windscreen Lanqas ma jiftakar f'liema parti tal–karrggjata kien u baqa' jinsisti li lil dan il-mutur qatt ma rah. Fit-traggit tieghu minn meta telaq mid-dar sakemm sehh l-incident vetturi ma kienx hemm. Jghid li l-windscreen teighu baqa' bin-nida anke met akien ghadu ghaddej u ghalekk xeghel il-heater biex inehhi ic-cpar. Meta huwa kien ghaddej fi triq it Tempesta sejjer lejn Triq i-l Qrendi fejn hemm il-mekanik imlaqqam 'Ta Celest' huwa zamm il-heater mixghul.

L-appellant rega xehed quddiem l-ewwel Qorti nar is-16 ta' Jannar 2017. Spjega li lejliet l-incident huw akien xoghol second watch mis-siegha ta' wara nofs in-nhar sad- disgha u nofs ta' bil-lejl. Appena spicca mix-xoghol mar id-dar kiel u inhasel u mar jorqghod. L-ghada ghall-habta tal-4.00 a.m daqlu l-alarm , ha xi haga x'jiekol xeghel it-television , qaxxar il-lehja, libes l-uniformi u hareg 'l barra ovvjament bie

ximur ix-xoghol. Dak kien il-hin normali li jqum ghax-xoghol meta ikun first shift. Din hij al procedura li jghamel met aikun ta' first watch.
Qal li huwa mid-dar ghall-habta ta' 4.55 a.m. Qal li l-ewwel jirraporta Bormla imbaghad jmur jahdem il Birgu. Qa li fl-ghasa jibqa' l-orderly u ssir il handover ghaleix dawk ta' l-ghassa jaslu wara .
Dakinhar dahal fil-karozza startjaha peress i l-windscreen kien kollu iffoggjat. Halliha idling ghal xi zewg minuti sakem tishon daqxejn il-magna ghax xeghel il-heater u l-wipers perss li bziet niezla n-nida u dan biex jikklerja il windscreen
Dak in-nhar l-art kienet imxarba bin-nida u l vizibilta ma kienitx tajba ma kientix cara. Meta ikklerja il windscreen saq minn quddiem id dar tieghu ghal kanutniera Triq it Tempesta l- Qrendi dar fuq ix-xellug u beda isuq lejn l -Imqabba. Din hi it triq li jiehu is-soltu u ilu jghix il Qrendi tnejn ughoxrin sena. \Kaorzzi fit triq ma kienhemm xejn. Jispjega li ghalih in normali hu 60 jew 65km/fis u kien mixi b'dak l-ispeed.

Jghid li waqt li kien ghaddej fl-ebda hin ma ra l-mutur ghaddej u ghalhekk qed ighid li hareg minn triq sekondarja pero lanqas ma rah hiereg minn din it triq. Qal li din hi l unika spjegazzjoni li jista jaghti ghaliex qabel ma wasal ghal dan l-inkrocju ma rax lil tal-mutur. Qal li huwa ghaddej kien qed ihares 'l quddiem u anke fil-gnub. Fl-ebda hin ma ra id-dawl tal mutur mixghul. It triq hija wahda imdalma u peresss li t triq hija daqxejn wiesgha ma tantx jasal il-firxa tad dawl.

Jghid li appena kellu l impatt ghafas il-break u l-istint tah sabiex x'jiswervja lejn il-lemin biex jekk hemm xi haga quddiemu jevita li jolqotha. Sakemm hareg mill-vettura ma kienx jaf ma xhiex kien habat. Fuq il-lemin tal vettua tieghu ra l- mutur u fuq ix-xellug ra il gisem ta' ragel. Mar hdejh semghu ihanhar staqsieh jekk kollox kien sew. Qal li s-sewweiq ma kellux helmet u kien libes gaketta sewda.

Mar ifittex l-moile bei xicempel ghall-ghajnuna oero bil-fixka ma sabux. Ra vettura gejja mill-Qrendi u mar iwaqqafha u talab lix-xuffier bie xjuza il-mobile u cempel l-ghasa taz Zurrieq u qalulu li kienu ser icemplu huma stess ghall-ambulanza ghaliex huwa kien ippanikjat. Wara empel lill-ghassa ta' Bormla u gharrafhom b'dak li kien

gara. Illi ghaddew xi tlett karozzi u hadd ma waqaf imbaghad ghaddiet karozza ohra u waqfet u harget Julia Farrugia Portelli minnha.
Qal li huwa fl-ebda hin ma mess il-gisem tal persun ali kient ma l-art u lanqas ma mess id debris. Mistoqsi jekk jafx il-vitma jeghid li ma jafux
Stqarr li huw akien kopert bi polza t asigurta mal Elmo u kelluukol llicenzja tat triq .
In kontro sami ighi dli qabel ma saq il windscreen kien iccara izda kien ghad hem mic cpar barra. Qal li t triq ta' fej nsehh l incident hija wiesgha u ghalhekk id-dawl tat triq ma tantx jaghti dawl .Qal li huwa kellu dawl fil-karozza teighu dawl normali. Jghid li kien tard ghax xoghol pero mghagggel ma kienx. Qal li huwa idum xi kwarta jew ghoxrin minuta biex jasal ghax- xoghol u ma hux l- ewwel darba li jasal tard. Qal li malli habat infethet l-air bag u ghalhekk dawwar fuq l -lemin u ghafas il *break* ma l-impatt. Id- dwal tieghu kienu kollha operational. Ikkonferma li fl-ebda hin ma ra mutur bid-dawl u lanqas ma ra l mutur .

**Andrey Kelly** xehed u stqarr li jaf lill-appellant perss li fiz zmien tal incident kien surgent fl-istess distrett tieghu u kien jahdem l-istess shift tal-appellant. Qal li kien jahdem l-istess shift tal-appellant u dakinahr tal-incient kienu xoghol first watch fil-5.00a.,
Dan spjega li kellhompesun amgharufa bhal l orderly u dan jibda is-shift bili jiehu hand over minn dak li jkun shift qablu. Imbaghad huma jiftiehmu minn jidhol fil-hamsa min fil-hamsa ukwart u min fil-hamsa u nofs meighu ma kienx hemm dik il-pressure li trid tigi fil-hamsa bum imma ma haddiehor ma jafx. Qal li dakinhar dahlet telefonata li l-appellant kien involut f'incident u mal-hin baqa' diehel aktar ahbar u ghalhekk minn jeddu mar fuq il-post biex jara x'kien gara. Qal li fuq il-post ra kien hemm crash helmet pero din ma kellha l-ebda daqqa fuqha. Ra li ic-cavetta tal-mutur kien go fiha u l-mutur kien mitfi. L-appellant ma kienx fuqil-post .

Lawrence Bugeja xehed nhar is-27 ta' ottubru 2017 bhala rappresentant tal- isptar Mater Dei u gie mitlub sabiex jesebixxi il-file mediku ta' Clive Brincat u pprezenta l-istess li gie markat bhala dok LB1.
Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Luljju 2018 fejn Dr Alexia Zammit Mc Keon in rappresentanza tsa-socjeta assikruatiric Elmo stqarret li kien intlahaq ftehim mal-presuti eredi tal-vitma dwar l-ammont lighandu jithallas bhala rizariment u li

ghad fadal biss li jsiru biss il-procedrui quddiem il-Qorti kompetenti beix jigi stabilit definittivament minhuma l-eredi tal-vitma u kwindi jsir il-hlas. Dak in nhar stess Dr Sciriha ivverbalizza seduta stante li una volta li jsir il-hlas mis-socjeta asikuratrici il-parte civili m'ghandhomx interess f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat.

Illi dwar il-fatti specie tal-kaz jirrizulta is-segwenti

1. Hadd ma ra l-incident isehh lanqas l-appellant stess li ighid li fl-ebda hin ma ra l-mutur quddiemu u li indna i kien tajjar u qatel bniedem wara li kien hareg mill-vettura tieghu ghaliex sema impatt.
2. Illi bhala rizultat ta' dan l-incident is sewwieq tal-mutur Clive Brincat spicca tilef hajtu u li kien hemm hsarat estensivi kemm fil-mutur li kien rikeb Brincat kif ukol fil-vettura li kien qed isuq l-appellant.
3. Illi il-kundizjzoni tat-triq ma kienitx wahda tajba ghaliex minkejja li ma kienx hemm xita kien hemm hafna nida u cpar tant li l-appellant kellu jixghel il-heater u l-wipers qabel ma beda fit-tragitt tieghu lejn Bormla.
4. Illi il-mutur spicca quddiem l-appellant ad insaputa tieghu u ha *evasive action* biss wara li sema hoss li kien laqat xi haga.
5. Illi is-sewwieq tal-mutur x'aktarx ma kienx qed jilbes crash helmet u din instabet ma l-art il boghod mill-vitma minghajr hsara ta' xejn.
6. Li dakinhar l-appellant kien tard ghax xoghol izda skond ma jghid hu ma kienx mghaggel u dan ghaliex kellhom ftehim li jkopru lil xulxin u dan gie konfermat mis-surgent Andrew Kelly.

Dawn il-fatti kif rapportati aktar 'l fuq mhumiex kontestati.

Illi pero jibqa misteru jekk il-mutur li kien qed isuq il-vitma kienx fl-istess karregjata ghaddej fl-istess direzzjoni mal-appellant izda qablu u b'hekk l-appellant u baqa' diehel go fih ghaliex kien bla dawl u ghalhekk ma rahx ghalkemm l-Ispettur Johan Fenech biss ighid li l-mutur kellu xi dwal fuq wara. Hawnhekk jigi rilevat li d daqqa kienet *front to rear.* Jew Jekk l-vitma harigx minn triq sekondarja ghal triq principali u b'hekk ikkawza *emergenza subtianea* lill-koducent appellant. Pero dwar din it-tieni

ipotesi ma jdhirx li hu l-kaz u dan ghaliex l-appellant fl-ebda hin ma rah hiereg u kieku l-impatt kien ikun wiehed fontali min naha tal-appellant u fin-nofs min naha tas-sewwieq tal- mutur u mhux fuq wara. Il mutur kien ikun *at right angles* mal-appellant u ma jidhrix li dan kien il-kaz. Ghalhekk kif sehh l-incient ezatt ma giex provat. Ghalhekk fil-fehma tal-qort minhabba kif irrizultaw il-hsarat u cioe li l-vettura tal-appellant kellha hsarat frontali u il-hsrat tal-mutur kien fuq wara huwa indikattiv li in effetti l-appellant kien qed isuq wra il-mtur u mal-impatt is-sewwieq tal-mutur u spicca xi sittin metru il-boghod mill-ispot of impact. Jidher ukol lli l-appellant halla break marks twal hafna u skond il-pjanta redatta mill-perit Aquilina dawn kienu distanza ta' 39 metru. Skond il PL Mario Buttigieg kien hemm 45 metru pero din il-Qorti ser toistreh fuq il-kalkoli maghmula mill-perit Aquilina. Jirrizulta ukoll kif innotat l-ewwel qort li ma l-impatt l-mutur tkaxkar ghal tul konsiderevoli tant li instab xi mitt metru 'l boghod mill-impatt.

Pero gie pruvat li l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu ghal habta tal 5.05 a.m sejjer lejn ix-xoghol meta kien tard. Kien qed isuq fi triq li ma tantx kellha dawl minkejja li hu kellu d dawl tieghu mixghul. Fi triq fejn l-art kienet imxarba bin-nida. Fi triq fejn il- vizibilita ma kienitx tajba u dan waqt li l-appellant jghid li il-*windscreen* tieghu kienet mimlija cpar u li ghalhekk kellu jixghel il *heater* u juza il wipers biex inehhi ic cpar. Ghalhekk f'dawn ic cirkotanzi mhemmx dubju li l-appellant kellu juza aktar prudenza fis-sewqan tieghu minn dak ta' sewwieq fit triq meta il-kundizzjonijiet ikunu tajba.

Illi huwa minnu kif stqarret l-ewwel Qorti li kien hemm xi inesattezzi fix-xhieda li inghatat kif sottolineajt minnha stess fis-sentenza taghha pero dawk l-inesattezi ma humiex daqstant importanti ghal kaz in esamina peress li jirreltaaw ghal dak li setgha sehh wara l-incident. Il-Qorit ghandha tara x'kienet il-kawza prossima tal-incident. Zgur li ma kienx il fatt li s-sewwieq ma kienx libes *crash helmet* jew li s-sewwieq tal- mutur ma kellux licenzja tas-sewqan ghalkemm tali fatturi setghu kienu fatturi kortibutorji fejn jirigwarda htija zgur li ma kienux l kawza prossima.

Il-kwistjoni kollha ghalhekk f'dan il-kaz hija jekk iz-zewg sewwieqa rawx lil xulxin qabel l-incident u x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident. Fattur importanti hu jekk

iz-zewg utenti kienux qed izommu *a proper lookout*. Fil-kaz odjern is-sewwieq tal-mutur ma jistax jaghti l- versjoni tieghu ta' dak li gara ghaliex miet bhala risultat ta' dan l-incident ftit tal-hin wara l-impatt. Xhieda okulari ma hemmx u ghalhekk il-Qorti trid titrieh fuq il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant kemm fl-atti tal-inkjesta u aktar tard il-Qorti fid-dawl ukoll tal-provi migbura mill-esperti nominati mill-Qorti.

Illil-ewwel Qorti iddikjarat ir-raba akkua bhala preskritta ai termini tal-**artikolu 688(f) tal-kodici kriminali** u dan ghaliex l-ncident sehh fl-10 ta' Jannar 2014 u l-akkuzi gew mahlufa quddiemu nhar it-12 ta' Mejju, 2015 u ghalhekk hafna wara it tlett xhur preskritti mill-ligi sabiex tinhareg akkzua bhal din. Konsegwentement l-ewwwel Qorti kienet korretta meta iddikjarat ir-raba akkuza preskritta u astjeniet li tiehu konjizzjoni ultejrui ta' dik l-akkuza.

Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**[7]"u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li lvjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. ."**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**[8]"

Din il-Qorti sejra telenka in-nuqqasijiet tal-appellant fis-sewqan tieghu nil-ghan li jigi stabilit x'kienet il-kawza prossima tal-incident:-

**Sewqan eccessiv**

1. L-appellant jghid li kien qed isuq bi speed ta' bejn 60 jew 65 km'fs fi triq li timmermetti speed sa 80 km/fs. Fl-ewwel lok jinghad li meta fi ttriq ikun hemm massimu ta' speed ma ifisirx li is-sewwieq ghandu dejje jiehu dak il-massimu bhal agwida irrispettivament mill-ambjenti tat-temp dak in-nhar in-nhar. Modd issuq f'kundizzjoni ta' ftit xita u mod issuq f'xita niezla qawwija, mod issuq fic-cpar u mod issuq meta ix xemx tkun qed tisreg f'ghajn dak li

[7] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Dicembru 1960.

jkun u mod issuq f'ambjenti normali. Ghalhekk kul sewwieq ghandu jkun responsabbli li minkejja li jkun hemm speed massimu ghandu jeserita gwida shiha lejn l-ambejnti ta' madwar.

Gie ritenut mill-Qrati taghna li speed jista' jigi dedott minn brake marks (. "**Il-Pulzija vs. A.I.C. A. Mortimer**[9]" u l-brake marks twal 39 metru (cirka 127.92 piedi) identikati fil-pjanta tal Perit Aquilina li ma gietx kontestata jindikaw velocita' vicin dik ta' 96 kfs. (ara tavola sinottika a fol-56 ta' "THE HIGHWAY CODE")Fil-kaz in kwistjoni is-sewwieq halla break marks ta' 39 metri fi triq dirtta u ghalhekk skond il-kalkoli imfisra fil-High way Code dan ifisser li is-sewwieq kellu speed ta' 96 km/fs zgur aktar min ndak permess f'dik it-triq u ghalhekk zgur li jista jinghad li kellu speed eccessiv. Huwa minnu li din il-kntravenzjoani kif imsemmija fir raba akkua hija preskritta pero ghandha titfa piz fuq it tip ta' sewqan li kellu fir-rigward tal-akkuzi l-ohra u cioe jekk saqx bil prudenza li hemm bzonn fi triq pubblika.

Illi gie ukoll ritenut li : "speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u millfatturi ambjentali tal-mument." ("**Pul. vs. R. Bugeja**[10]"). Jidher li f'dan il-kaz l-speed tal-vettura misjuqa mill-appellant kien oghola minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-car tieghu tempestivament f' kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti ma xi hadd li hu facilment seta' jipprevedi li jkun f'xi triq principali.

Dan il-fattur tal-ispeed, li jeccedi ukoll dak regolamentari ta' 96kfs ghall-lokalita' f'dawk l-ambjenti kien certament fattur determinanti tal-incident u kien jirrendi s-sewqan tieghu fi triq prinipali fejn kellu l-vizwali tieghu ostakolata bic-cpar bhala sewqan ta' x' jimpurtani li jirrendieh kemm negligenti kif ukoll perikoluz.

[9] Kollez. Vol. XL, p.iv.p.1282

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Gunju 1962

Illi l-appellant, fit-trattazzjoni tieghu donnu ried jirrikorri ghad-difiza tas-"*sudden emergency*" ghax qal li l-mutur hasdu. Issa pero', kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera**[11]":

*"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."*

Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita incidenti u ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn sewwieq iehor b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment. F'dan il-kwadr tal-provi ma jirrizultax li kien il-kaz.

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-fatturi ambjentali kienu jiddettaw prudenza magguri b'sewqan li certament ma kellux jeccedi dawk regolaentari u ghalhekk f'dan il-kaz is-sewwieq kellu juza speed hafna inqas baxx.

## 2. Nuqqas ta' proper look out.

*Il-"lookout"* gie defenit hekk f' **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd."**[12]**):**

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A driver must have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Dicembru 1968

[12] ."(1968)

Fil-kaz **'<u>Il-Pulizija v Vella'</u>[13],** din il-Qorti diversament preseduta qalet illi *"In-nuqqas ta' sewwieq Ii jara dak Ii huwa in plain view, ossia dak Ii hu raġonevolment viżibbli, huwa auto kolpanti billi jimplika Ii ma jkunx qed iżomm a proper lookout".*

Issa hu risaput li meta wiehed ikun qed isegwi vettura ohra, irid izomm "a safe distance" lura minnha, biex, jekk din tieqaf hesrem , hu jkollu cans li jieqaf tempestivament. Di fatti il-paragrafu 56 ta' "THE HIGHWAY CODE" jirrakkomanda espressament hekk :-

*"Do not drive too close to the vehicle in front of you .Allow a distance sufficient to enable you to pull up in an emergency ..."*

Fil-kaz in desamina l-appellant li kien qed isuq fi triq principali bi speed eccessiv f'kundizzjoni ta' triq li ma kienux tajba stante in-nida u cpar lanqas ma ra is-sewwieq tal-mutur li kien quddiemu fl-istess karreggjata. Di piu lanqas induna li kien investa ma mutur u dan ghaliex kif stqarr hu stess kien meta nizel mill-karozza li induna li kien laqat mutur u li kien hemm persuna ma l-art. Dan l-agir jammonta ghal nuqqas ta' proper look out. Dan l-agir tal-appellant jindika ghalhekk li ma kienx qed izomm ' *a safe distance'* mill-vettura ta' quddiemu.

**3. Sewqan Perikoluz**

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (**<u>Pul. vs. Charles Bartolo</u>**[14]; **<u>Pul. vs. Wilson</u>**[15], u **<u>Pul. vs. Alfred Vella</u>**[16],) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (**<u>Pul. vs. Hardingham</u>**[17] ),

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Awwissu 1963
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Marzu 1959.
[15] Vol. XXXIX p. 1018
[16] Vol. XLIV ; p. 933
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Ottubu 1993.

Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*" (**Pul. vs. Charles Farrugia**[18].) "*Recklessness*" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye* ".(**Pul. vs. Joseph Aquilina** [19],. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (**Pul. vs. Antonio Spiteri** [20],)

Illi gie ukoll ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament rpeseduta fl-ismijiet "**The Police vs. Gunner Brian Wilson**[21]" :-

"*It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving.*" (ara ukoll f' dan is-sens : "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[22]" u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo**[23] ", rispettivament)

Umbaghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**[24]" gie ritenut li;-

"*sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari.*"

"*Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu.*" (. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia**[25]"

---

18 XXXIX p. 1018.)
19 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-24 ta' April 1963.
20 Vol. XLIV , p.892
21 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Mejju 1955.
22 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Marzu 1959.
23 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Marzu 1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016
24 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Mejju 1953- Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108
25Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta' Marzu 1955 - Vol.XXXIX, iv. p.978

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."

Fil-kaz in desamina jidehr car li s-sewqan tal-appellant kien wiehed perikoluz u dan ghaliex l-agir tieghu ma kienx semplici wiehed ta' non kuranza jew traskuragni izda kien wiehed li wassal ghall—perikolu serju tant li kkaguna l-mewt involontarju ta' Clive Brincat

Illi fil-kaz in desamina jidher ghalhekk li minhabba s-suespost jirrizulta bic-car li l-kawza prossima tal-incident kienet is-sewqan eccessiv u perikoluz tal-appellant flimkien man- nuqqas ta' proper look out tieghu waslu sabiex l-appellant jinvesti fil-mutur u jikkaguna l-mewt involontarju tas-sewwieq tieghu.

**Non Contributorjeta tas-sewwieq tal-mutur bhala kawza prossima tal-incident.**

Jinghad li l-appellant fir rikors tieghu sostna li l-ewwel Qorti sabet li kien hemm xi kontributorjeta min naha tal-vitma fir rigward dan l-incident. Dwar dan din il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex ma jirrizultax li l-vitma ghamel xi manuvra fis-sewqan tieghu li biha fixkel l-appellant fis-sewqan tieghu. Dwar is-sewqan tas-sewwieq tal-mutur ma hawn l-ebda prova fl-atti proceswali. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li s-sewqan tieghu kkontribwixxa ghal dan l-investiment ta' vetturi. Li jista jinghad biss in pessima ipotesi hu li peress li jista jaghti l- kaz li ma kienx libes *crash helmet* fil-mument tal-impatt u zgur li ma libes *protective clothing* allura il-feriti li ssubixxa setghu kienu ta' portata izghar u forsi li ma jwaslux ghall-mewt involontarju tieghu. Dwar dak lamentat mill-appellant li l-vitma ma kellux dwal fil-mutur dan hu imcahhad mis -supretendent Johann Fenech li ikkonferma ghal darba darbtejn li l-mutur kellu d-dwal fuq wara u dan hu indikattiv allura li l-appellant kellu jara ' *what is in plain view'* stante li il mutur kien qed jinstaq quddiemu.

**Piena**

Din il-Qorti taqbel mal-hati illi m'hemm xejn x'juri illi hu xi minaccja ghas-socjeta`, l-anqas li hemm bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu jew li hu xi persuna ta' kondotta vjolenti u Alla hares kien hekk konsiderando lil-appellant hu kuntistabbli. Id-difiza stqarret li il-kondotta tal-appellant fil-fatt hi wahda netta. Id-difiza sostniet li l-piena hi harxa u dan ghaliex l-appellant ikkopera mal-prosekuzzjoni f'din l-investigazzjoni u l-vitma kkontribwixxa ghall–mewt tieghu.

Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef,</u>** fejn intqal ukoll li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali." **Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi.**

Hu f'dan l-isfond, ghalhekk, li din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament tal-provi tajjeb u li in bazi tieghu setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant. Ma hemm ebda raguni l-ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tindahal f'din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti w taqbel pjenament ma' l-osservazzjonijiet u konkluzzjonijiet kollha milhuqha minn dik il-Qorti. Ghalhekk l-aggravji kollha ta' l-appellant huma respinti.

Dwar it-talba ta' l-appellant ghall-riforma fil-piena, specjalment f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti kienet skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien sentejn, din il-Qorti taqbel ma' dak li qalghet l-ewwel Qorti dwar dan. Mhiex xi difiza jew raguni valida legalment li ma jkunx hemm skwalifika tal-licenzji tas-sewqan f'sitwazzjonijiet bhal dawn minhabba n-natura tax-xoghol jew impieg tal-hati. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirrepeti dak li qalu l-Qrati nostrana fuq dan l-aspettt. Tghid biss li tikkondividi bis-shih ma dak deciz mill-ewwel Qorti, u, ghalhekk, ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandu jkun hemm xi riforma fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell ta' Jean Claude Mangion w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha inkluz l-ordni moghtija lilu li jhallas l-ispejjez in korsi mal-hatra ta' l-esperti. Ghal dan il-ghan din il-Qorti qed taghti terminu ta' sentejn biex jithalsu dawn l-ispejjez.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-entenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabeix tiehu hsieb tigbor l-ispejjez relatati mal-hatra ta' l-esperti li gie kundannat ihallas l-appellant.

Tordna ukoll kopja ta' din is-sentenza lid- Direttur tat-Transport Malta sabiex jiehu hsieb jigbor il-licenzja tas-sewqan tal-appellant .

**Pero' din il-Qorti qed taghti r-rakomandazzjoni taghha lil Public Service Commission f'kaz li l-appellant jispicca quddiemha li l-appellant ma jitlifx l-impieg tieghu u dan ghaliex permezz ta' din is-sentenza huwa diga' ha il-piena ghall-ghemilu.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur